# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

## Seduta tal-Ġimgħa, 22 ta' April 2022

## Talba numru 143/2021SFJ

## PRINCESS HOLDINGS LIMITED (C72528) VS. DANIELA CLINCH (59183M)

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat fit-18 ta' Mejju 2021 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi talbet li l-konvenuta tkun ikkundannata tħallasha s-somma ta' ħames mija u erbgħa u erbgħin Ewro u tlett ċenteżmi (€574.03) rappreżentanti l-ħlas ta' kirja ta' vettura, liema vettura ġiet mikrija mill-konvenuta bejn il-21 ta' Novembru 2020 u l-31 ta' Diċembru 2020;

Ra li l-konvenuta ġiet innotifikata fil-25 ta' Frar 2022 skont ir-riferta a fol. 57 tal-proċess;

Ra li l-konvenut ma ppreżentat ebda Risposta, ma dehret għal ebda seduta u ma ppreżentat ebda dokumentazzjoni;

Qara l-affidavits, qara d-dokumentazzjoni kollha ppreżentata, u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għat-22 ta' April 2022.

**<u>Provi ippreżentati u konsiderazzjonijiet tat-Tribunal</u>**

Is-soċjetà attriċi ippreżentat *invoice* annessa mal-Avviż tat-Talba (fol. 4) datata 8 ta' Jannar 2021, li tindika li l-konvenuta kellha tħallasha l-ammont relattiv għall-kirja tal-vettura AQZ485 fid-dati relattivi. L-*invoice* kienet maħruġa minn Princess Holdings Limited. Inoltre, it-Tribunal ra anki d-dokument a fol. 5 tal-proċess li huwa l-ftehim tal-kirja tal-vettura, liema ftehim sar bejn

is-soċjetà attriċi u l-konvenuta. Il-firma tal-konvenuta tinqara sewwa bħala "D. Clinch" fin-naħa ta' isfel tad-dokument.

Min-naħa tagħha, il-konvenuta, debitament innotifikata, ma ppreżentatx provi sabiex tikkontesta l-pretensjonijiet tas-soċjetà attriċi.

Wara li qara l-affidavits ippreżentati fl-udjenza tat-22 ta' Ġunju 2021, it-Tribunal fehem aktar li huwa minnu li l-kirja seħħet u li l-konvenuta attwalment użat il-vettura relattiva.

It-Tribunal josserva li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti tal-konvenut iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). Il-prova bil-kapitolu għandha tiġi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova li tkun prodotta.

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

*Siccome* għalhekk il-kontumaċja mhix ammissjoni iżda oppożizzjoni, xorta waħda l-attur irid jipprova l-allegazzjoni minnu vantata sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu (ara ***Carmel Schembri vs. Dorianne Zerafa*** deċiża mill-Prim' Awla fit-12 ta' Lulju 2001).

Wara li ra sewwa l-provi prodotti, fuq bilanċ ta' probabilitajiet u *siccome* dan it-Tribunal huwa obbligat *ex lege* li jiddeċiedi l-kawżi prinċipalment skont l-ekwità, it-Tribunal għalhekk iqis li t-talbiet tas-soċjetà attriċi ġew ippruvati sal-grad li titlob il-liġi.

**Deċide**

Għaldaqstant, wara li ħa konjizzjoni tal-provi prodotti, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' it-talbiet kollha tas-soċjetà attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' ħames mija u erbgħa u sebgħin Ewro u tlett ċenteżmi (€574.03), bl-imgħax mid-data tal-ħruġ tal-fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv, liema mgħax għandu jkun ikkalkulat b'rata mhux ogħla mir-rata massima li tippermetti l-liġi.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenuta.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Jur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**